

Rapport Speċjali

It-tfassil tas-sistema ta' kontroll tal-Kummissjoni għall-RRF

Minkejja li qed jiġi ppjanat xogħol estensiv, fil-mudell il-ġdid ta' implimentazzjoni għad hemm nuqqas fl-aċċertament u fl-obbligu ta' rendikont fil-livell tal-UE



QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

Werrej

	Paragrafu
Sommarju eżekuttiv	I - VII
Introduzzjoni	01 - 16
L-RRF fil-qosor	01 - 05
Implimentazzjoni tal-RRF	06 - 12
Il-qafas ta' kontroll tal-RRF tal-Kummissjoni	13 - 15
Il-ħidma tagħna dwar l-RRF	16
Ambitu u approċċ tal-awditjar	17 - 23
Osservazzjonijiet	24 - 88
Hemm nuqqas fl-aċċertament u fl-obbligu ta' rendikont fil-livell tal-UE fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni	24 - 36
Il-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-arranġamenti ta' kontroll kienet komprensiva, iżda bbażata parzjalment fuq sistemi li għadhom ma g'ewx stabbiliti	25 - 27
Verifiki <i>ex ante</i> u awditi <i>ex post</i> jivvalutaw l-ilħuq tal-istadji importanti u tal-miri	28 - 31
In-nuqqas ta' informazzjoni jirriżulta f'nuqqas fl-aċċertament u fl-obbligu ta' rendikont fil-livell tal-UE fil-protezzjoni tal-interess finanzjarju tal-Unjoni	32 - 36
Għall-verifika tal-ilħuq tal-istadji importanti u tal-miri, il-Kummissjoni fasslet proċess estensiv	37 - 70
Il-proċess għall-verifiki <i>ex ante</i> tal-ilħuq tal-istadji importanti u tal-miri huwa estensiv, iżda għad fadal problemi	40 - 55
Awditi <i>ex post</i> jistgħu jgħinu biex jiġi żgurat li d- <i>data</i> ddikjarata dwar l-ilħuq tal-istadji importanti u l-miri tkun preċiża	56 - 65
Nuqqas ta' gwida jżid ir-riskju li ma jiġix identifikat it-treġġiġħ lura ta' miżuri għal stadji importanti u miri preċedement milħuqa	66 - 70

Il-kontrolli tal-Kummissjoni jistgħu jappoġġaw il-valutazzjoni tagħha tas-sistemi tal-Istati Membri, iżda l-proċeduri għar-rappurtar dwar il-frodi u l-korrezzjoni tad-dgħufijiet għandhom limitazzjonijiet	71 - 88
L-awditi pjanati tal-Kummissjoni jistgħu jippermettu l-valutazzjoni tas-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri relatati mal-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitt ta' interess u l-finanzjament doppju	71 - 76
Informazzjoni limitata dwar l-awditi tal-Istati Membri tista' taffettwa l-valur miżjud tad-dikjarazzjonijiet u s-sommarji ta' ġestjoni tagħhom	77 - 79
Ir-rappurtar dwar il-frodi u l-linji gwida dwar il-korrezzjoni ta' dgħufijiet fis-sistemi tal-Istati Membri mhumiex żviluppati bis-sħiħ	80 - 88
Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet	89 - 96
Abbrevjazzjonijiet	
Glossarju	
Risposti tal-Kummissjoni	
Kronoloġija	
Tim tal-awditjar	

Sommarju eżekuttiv

I Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) hija l-istrument prinċipali ta' NextGenerationEU u ġiet stabbilita biex tipprovdi appoġġ finanzjarju fuq skala kbira għall-investimenti u r-riformi pubbliċi fl-Istati Membri. Kellha finanzjament ta' EUR 723.8 biljun (fi prezzijiet attwali) għal self (EUR 385.8 biljun) u għotjiet (EUR 338 biljun) għal dak l-iskop. Il-finanzjament ta' tali riformi u investimenti fl-Istati Membri beda fil-bidu tal-pandemija fi Frar 2020 u se jibqa' għaddej sal-31 ta' Diċembru 2026. Ir-Regolament RRF daħal fis-seħħ fid-19 ta' Frar 2021.

II L-RRF issegwi mudell ta' nfiq li huwa differenti minn dak ta' programmi oħra ta' nfiq tal-UE. Il-pagamenti jsiru lill-Istati Membri meta l-istadji importanti u l-miri sottostanti jkunu ntlejha b'mod sodisfaċenti abbażi tal-valutazzjoni mill-Kummissjoni. Filwaqt li mhumiex kundizzjoni biex isiru dawn il-pagamenti, il-proġetti ta' investiment iffinanzjati mill-RRF tal-Istati Membri xorta jridu jikkonformaw mar-regoli tal-UE u ma' dawk nazzjonali, eż. dwar l-akkwist, jew dispożizzjonijiet li jiddefinixxu l-kostijiet eliġibbli rimborsabbli.

III Aħna wettaqna dan l-awditu fid-dawl tal-għadd sinifikanti ta' żborżi taħt l-RRF li għad iridu jsiru matul l-operat tal-faċilità sa tmiem l-2026. L-objettiv tal-awditu tagħna kien li nivvalutaw u nikkontribwixxu biex tiġi żgurata l-adegwatezza tat-tfassil tas-sistema ta' kontroll tal-Kummissjoni għall-RRF. F'dan ir-rigward, aħna ħarisna lejha kif ġiet stabbilita s-sistema biex jiġi żgurat li jintlejha l-istadji importanti u l-miri, kif ukoll il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni fi tmiem April 2022. Ikkomplementajna l-evidenza miksuba mill-eżaminar li wettaqna tal-proċeduri tal-Kummissjoni b'osservazzjonijiet rilevanti magħmula fl-awditu tad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħna tar-regolarità tan-nefqa tal-RRF għall-2021.

IV Aħna nikkonkludu li, fi żmien relattivament qasir, il-Kummissjoni fasslet sistema ta' kontroll li tipprevedi proċess estensiv għall-verifika tal-ilħuq tal-istadji importanti u tal-miri. Madankollu, dik is-sistema ta' kontroll tipprovdi biss informazzjoni vverifikata limitata fil-livell tal-UE li tgħid li l-proġetti ta' investiment iffinanzjati mill-RRF jikkonformaw mar-regoli tal-UE u ma' dawk nazzjonali. In-nuqqas ta' tali informazzjoni vverifikata jħalli impatt fuq l-aċċertament li tista' tipprovdi l-Kummissjoni u jirriżulta f'nuqqas fl-obbligu ta' rendikont fil-livell tal-UE.

V Fir-rigward tal-iżgurar tal-ilħuq tal-istadji importanti u tal-miri, aħna sibna li l-proċeduri huma estensivi. Il-kontrolli *ex ante* għall-valutazzjoni preliminari huma kkomplementati minn awditi addizzjonali fuq il-post. Madankollu, id-diversi stadji fil-valutazzjoni preliminari ma kinux speċifikati b’mod suffiċjenti u ma kinux iddokumentati bis-sħiħ. Aħna nosservaw ukoll li għad ma hemmx metodu dwar kif għandu jiġi kkwantifikat l-impatt ta’ meta ma jintlaħaqx stadju importanti jew mira, u l-ebda gwida li tindirizza r-riskju assoċjat man-nuqqas ta’ identifikazzjoni tat-treġġiġħ lura ta’ miżura li għaliha qabel kien intlaħaq stadju importanti jew mira.

VI Fir-rigward tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, aħna nosservaw li l-Kummissjoni pjanat awditi tas-sistemi f’kull Stat Membru. Dawn l-awditi se jiffokaw fuq is-sistemi ta’ kontroll tal-Istati Membri relatati mal-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitti ta’ interess u l-finanzjament doppju. Madankollu, dawn mhux se jkopru jekk l-Istati Membri humiex se jivverifikaw b’mod adegwat il-konformità tal-proġetti ta’ investiment iffinanzjati mill-RRF mar-regoli tal-UE u ma’ daww nazzjonali. B’konsegwenza ta’ dan, hemm informazzjoni vverifikata limitata fil-livell tal-UE dwar il-konformità ta’ proġetti ta’ investiment iffinanzjati mill-RRF ma’ dawn ir-regoli. In-nuqqas ta’ tali informazzjoni vverifikata jħalli impatt fuq l-aċċertament li tista’ tipprovdli l-Kummissjoni f’dan ir-rigward. Ir-responsabbiltà li tassumi l-Kummissjoni f’termini ta’ protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni ma tmurx lil hinn mill-iżgurar li l-Kummissjoni tirkupra kwalunkwe ammont dovut f’każ ta’ frodi, korruzzjoni u kunflitt ta’ interess, fejn l-Istat Membru jkun naqas milli jagħmel hekk jew fil-każ ta’ ksur serju stabbilit tal-ftehim ta’ finanzjament. Aħna osservajna wkoll li s-Sistema ta’ Ġestjoni tal-Irregolaritajiet ma fihix informazzjoni ċentralizzata u standardizzata dwar il-frodi relatata mal-RRF, u li l-livelli differenti ta’ korrezzjonijiet b’rata fissa li għandhom jiġu applikati fil-każ ta’ defiċjenza fis-sistemi ta’ kontroll tal-Istati Membri mhumiex iddefiniti b’mod suffiċjenti.

VII Nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:

- ittejjeb il-proċeduri għal verifiki *ex ante*;
- tfassal gwida dwar it-treġġiġħ lura ta’ miżura relatata ma’ stadju importanti jew mira milħuqa preċedentement;
- tindirizza n-nuqqas fl-aċċertament fil-livell tal-UE fir-rigward tal-konformità ta’ proġetti ta’ investiment iffinanzjati mill-RRF mar-regoli tal-UE u ma’ daww nazzjonali;

- o tallinja r-rappurtar dwar il-frodi relatata mal-RRF;
- o tiżviluppa gwida interna rigward il-korrezzjonijiet, kif previst fil-ftehimiet ta' finanzjament.

Introduzzjoni

L-RRF fil-qosor

01 NextGenerationEU (NGEU) huwa l-fond temporanju tal-UE li għandu l-għan li jappoġġa lill-Istati Membri biex inaqqsu l-impatt soċjoekonomiku tal-pandemija tal-COVID-19 u jerġgħu jaqdbu t-triq it-tajba lejn it-tkabbir sostenibbli. [Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza](#) (RRF) hija l-istrument prinċipali li taħtu se jitqassmu l-fondi tal-NGEU. Hija tipprovdi appoġġ finanzjarju fuq skala kbira għar-riformi u l-investimenti, bl-għan li taċċellera l-irkupru ekonomiku tal-Istati Membri mill-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19, u tagħmilhom aktar reżiljenti.

02 L-RRF ġiet stabbilita bir-[Regolament \(UE\) 2021/241](#) ("ir-Regolament") li daħal fis-seħħ fid-19 ta' Frar 2021. Hija ilha tappoġġa riformi u proġetti ta' investiment fl-Istati Membri mill-bidu tal-pandemija fi Frar 2020, u se tibqa' tagħmel dan sal-31 ta' Diċembru 2026. L-RRF kellha finanzjament ta' EUR 723.8 biljun (fi prezzijiet attwali) għal self (EUR 385.8 biljun) u għotjiet (EUR 338 biljun) għal dak l-iskop.

03 L-RRF issegwi mudell speċjali ta' nfiq. Il-Kummissjoni timplimenta l-RRF f'għestjoni diretta mal-Istati Membri bħala beneficijarji¹. Il-kundizzjoni għall-pagament lill-Istati Membri mill-faċilità hija l-ilħuq sodisfaċenti ta' stadji importanti jew ta' miri predefiniti permezz tal-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment².

04 Il-legalità u r-regolarità (ir-regolarità) tal-infiq taħt programmi oħra tal-UE jiddependu prinċipalment fuq l-eliġibbiltà tal-benefiċjarju, tal-proġett u tal-kostijiet iddikjarati. L-eliġibbiltà ta' tali finanzjament spiss tkun irregolata minn kundizzjonijiet rigward il-kostijiet li jistgħu jiġġarrbu u jiġu ddikjarati, li jistgħu jkunu meħtieġa wkoll li jkunu identifikabbli u verifikabbli. Il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għal dan it-tip ta' finanzjament jinkludu wkoll regoli tal-UE li jiżguraw il-funzjonament effettiv tas-suq uniku (jiġifieri r-regoli dwar l-akkwist pubbliku u dwar l-għajjnuna mill-Istat) u l-konformità mar-regoli nazzjonali.

¹ L-Artikolu 8 u l-Artikolu 22(1) tar-[Regolament](#).

² L-Artikolu 24(3) tar-[Regolament](#).

05 Filwaqt li l-eliġibbiltà tal-benefiċjarju, tal-proġett u tal-kostijiet għall-implimentazzjoni ta' proġetti ta' investiment iffinanzjati mill-RRF mhijiex kundizzjoni fil-valutazzjoni mill-Kummissjoni meta tagħmel il-pagament mill-RRF lill-Istat Membru, ir-Regolament ikopri dan l-aspett permezz tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, li l-Istati Membri flimkien mal-Kummissjoni għandhom jiżguraw f'konformità mar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom. Ir-Regolament f'dan ir-rigward jipprevedi li l-miżuri li jappoġġaw l-RRF għandhom jikkonformaw mad-dritt applikabbli tal-Unjoni u dak nazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u r-rettifika tal-frodi, il-korruzzjoni u l-kunflitt ta' interess, u jiżguraw ukoll li ma jkun hemm l-ebda ksur serju tal-obbligi stabbiliti fil-Ftehim ta' Finanzjament, b'mod partikolari fir-rigward tal-finanzjament doppju. Għal dan il-fini, l-Istati Membri jridu joperaw sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti u jirkupraw ammonti mħallsa b'mod żbaljat jew li jkunu ntużaw ħażin³. Jekk l-Istati Membri jonqsu milli jirkupraw kwalunkwe ammont imħallas indebitament f'każijiet ta' frodi, korruzzjoni jew kunflitt ta' interess, il-Kummissjoni tista' tirkupra l-ammont korrispondenti⁴.


Implimentazzjoni tal-RRF

06 Il-fatt li l-mudell tal-implimentazzjoni tal-RRF ivarja minn dak ta' programmi oħra ta' nfiq tal-UE jfisser li l-implimentazzjoni tiegħu hija wkoll soġġetta għal proċess speċjali, li huwa deskritt fil-**Figura 1** u deskritt f'aktar dettall hawn taħt.

³ L-Artikolu 22(1) tar-Regolament.

⁴ L-Artikolu 22(5) tar-Regolament.

Figura 1 – Proċess ta' implimentazzjoni tal-RRF



- Azzjoni mill-Kummissjoni Ewropea
- Azzjoni mill-Istat Membru
- Azzjoni mill-Kunsill

Sors: il-QEA.

07 Sabiex jibbenefikaw mill-RRF, l-Istati Membri huma meħtieġa jfasslu pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (RRPs) li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament⁵. L-RRPs jenħtieġ li jinkludu pakkett koerenti ta' investimenti pubbliċi u riformi miġbura f'miżuri li, min-naħa tagħhom, huma miġbura f'komponenti tematiċi. L-Istati Membri jridu jstabbilixxu stadji importanti u miri għal kull proġett ta' investiment u riforma, u jipprovdu dettalji tal-linja bażi assoċjata.

⁵ L-Artikolu 18(4) tar-Regolament għas-sett sħiħ ta' kundizzjonijiet li l-RRPs iridu jissodisfaw.

08 L-Istati Membri jridu wkoll ifasslu sistemi xierqa ta' ġestjoni u ta' kontroll. Huma jistgħu jew jużaw sistemi nazzjonali eżistenti ta' ġestjoni u ta' kontroll jew jistabbilixxu sistemi speċifikament għall-RRF.

09 Il-pagamenti taħt l-RRF huma kundizzjonali fuq li l-Istati Membri jilħqu b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri stabbiliti fl-Annessi għad-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Kunsill li japprovaw l-RRPs tagħhom. Element ieħor li jrid jitqies huwa li l-istadji importanti jew il-miri li preċedentement intlaħqu b'mod sodisfaċenti mill-Istat Membru ma kellhomx jitreggħu lura. L-Istati Membri jistgħu jitolbu żborżi sa darbtejn fis-sena, jekk jipprovdu evidenza suffiċjenti li l-istadji importanti u l-miri relatati jkunu ntlejha b'mod sodisfaċenti.⁶

10 L-Istati Membri jridu jippreżentaw id-dokumenti li ġejjin ma' kull talba għall-pagament sabiex jirċievu pagamenti taħt l-RRF:

- informazzjoni u evidenza li jikkonfermaw l-ilħuq tal-istadji importanti u tal-miri stabbiliti fl-Anness tad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill;
- sommarju tal-awditi mwettqa mill-awtoritajiet tal-Istati Membri, inklużi dettalji ta' kwalunkwe dgħufija identifikata u kwalunkwe azzjoni korrettiva meħuda⁷;
- dikjarazzjoni ta' ġestjoni⁸ li tindika li:
 - il-fondi ntużaw għall-iskop maħsub tagħhom;
 - l-informazzjoni ppreżentata mat-talba għall-pagament tkun kompluta, preċiża u affidabbli;
 - is-sistemi ta' kontroll stabbiliti jagħtu l-aċċertament meħtieġ li l-fondi ġew immaniġġati f'konformità mar-regoli applikabbli kollha, b'mod partikolari r-regoli mmirati lejn il-prevenzjoni ta':
 - kunflitti ta' interess, frodi, korruzzjoni u

⁶ L-Artikolu 24 tar-Regolament.

⁷ L-Artikolu 22(2)(c) tar-Regolament.

⁸ *Idem*.

- o finanzjament doppju.

11 Il-valutazzjoni mill-Kummissjoni hija proċess f'żewġ stadji. Il-Kummissjoni l-ewwel tivvaluta t-talbiet għall-pagament abbażi tad-*data* u l-informazzjoni pprovduti mill-Istat Membru. L-iskop ta' din il-valutazzjoni preliminari huwa li jiġi żgurat li l-istadji importanti u l-miri jkunu ntaħqu b'mod sodisfaċenti⁹.

12 Abbażi ta' din il-ħidma, il-Kummissjoni tippreżenta l-valutazzjoni preliminari lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (KEF) tal-Kunsill għall-opinjoni tiegħu. Wara l-opinjoni tal-KEF, il-Kummissjoni mbagħad tadotta deċiżjoni dwar il-pagament, li l-ewwel trid tiġi ppreżentata lil kumitat ta' komitoloġija tar-rappreżentanti tal-Istati Membri bħala parti mill-proċedura ta' eżami. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni li tawtorizza l-pagament, u l-fondi mbagħad jiġu żborżati.

Il-qafas ta' kontroll tal-RRF tal-Kummissjoni


13 Il-mudell speċjali tal-implimentazzjoni tal-RRF u l-ammont ta' fondi mill-UE pprovduti taħt il-faċilità jsejħu għal qafas ta' kontroll iddedikat fil-livell tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri li jiżgura l-ilħuq tal-istadji importanti u tal-miri, u li jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

14 Il-qafas ta' kontroll li l-Kummissjoni stabbiliet għal dan l-iskop huwa deskritt fir-Rapport Annwali tal-Attività (RAA) tal-2021 tad-Direttorat Ġenerali (DG) għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji (ECFIN) u jinkludi:

- o il-valutazzjoni tal-RRPs ippreżentati mill-Istati Membri fir-rigward tar-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tagħhom qabel ma jsir kwalunkwe pagament. Din il-valutazzjoni tipprevedi wkoll il-verifika tal-adegwatezza tas-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri kif deskritti fl-RRPs tagħhom;
- o is-sistema ta' kontroll f'żewġ partijiet li tipprevedi verifiki *ex ante* tat-talbiet għall-pagament tal-Istati Membri u awditi *ex post* komplementari wara li jkun sar pagament. Hija tipprevedi wkoll awditi tas-sistema li jiffokaw fuq il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Il-**Figura 2** tiddekrivi s-sistema ta' kontroll tal-Kummissjoni b'dawn iż-żewġ elementi li jsegwu l-valutazzjoni tal-RRP.

⁹ L-Artikolu 24(3) tar-Regolament.

Figura 2 – Elementi tas-sistema ta' kontroll tal-RRF tal-Kummissjoni



Sors: il-QEA.

15 Aħna vvalutajna l-valutazzjoni tal-RRF tal-Kummissjoni f'awditu preċedenti u ppreżentajna r-riżultati fir-Rapport Speċjali 21/2022¹⁰. Is-suġġett ta' dan l-awditu u r-rapport huwa t-tfassil taż-żewġ elementi tas-sistema ta' kontroll tal-Kummissjoni stabbiliti fil-**Figura 2**.

Il-ħidma tagħna dwar l-RRF

16 Dan l-awditu huwa parti minn sensiela ta' awditi u rieżamijiet tal-RRF. Nipprovdu aktar informazzjoni dwar ix-xogħol li wettaqna sa issa u r-riżultati ta' dak ix-xogħol b'fokus fuq kwistjonijiet relatati mal-kontroll fil-**Kaxxa 1**.

¹⁰ Rapport Speċjali 21/2022: Il-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza – inġenerali xierqa iżda fadal riskji fl-implimentazzjoni.

Kaxxa 1

Ix-xogħol tagħna fuq l-RRF

Aħna pprovdejna l-opinjoni tagħna dwar l-RRF meta kienet qed tiġi stabbilita¹¹. Filwaqt li kkonkludejna, b'mod ġenerali, li l-RRF għandha l-potenzjal li tappoġġa lill-Istati Membri biex itaffu l-impatt ekonomiku u finanzjarju tal-pandemija, aħna enfasizzajna l-importanza ta' miżuri effettivi kontra l-frodi u l-irregolaritajiet biex jiġu miġġielda r-riskji li jirriżultaw minn riżorsi addizzjonali sinifikanti li jintefqu fi żmien qasir, kif huwa l-każ għall-RRF.

Fl-2022, aħna eżaminajna l-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-RRPs nazzjonali¹². Aħna kkonkludejna li l-valutazzjoni mill-Kummissjoni kienet, b'mod ġenerali, xierqa meta jitqiesu l-kumplessità tal-proċess u r-restrizzjonijiet ta' ħin. Madankollu, identifikajna għadd ta' dgħufijiet fil-proċess, kif ukoll riskji għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-RRF. Aħna ssottolinajna f'dan il-kuntest li l-valutazzjoni tal-arranġamenti ta' monitoraġġ u ta' kontroll proposti mill-Istati Membri kienet, sa ċertu punt, ibbażata fuq id-deskrizzjoni tas-sistemi li kienu għadhom ma ġewx stabbiliti.

Ir-Rapport Annwali 2021¹³ tagħna kien jinkludi l-valutazzjoni tagħna tal-uniku pagament li għamlet il-Kummissjoni f'Diċembru 2021. Ivalutajna li stadju importanti wieħed ma kienx intlaħaq b'mod sodisfaċenti. Qisna li l-impatt tal-valutazzjoni tagħna, li l-Kummissjoni ma aċċettatx, ma kienx materjali. F'dan il-kuntest, aħna osservajna li l-Kummissjoni kienet għadha ma ddefiniex metodu għall-kwantifikazzjoni tal-impatt fejn ma jintlaħaqx stadju importanti jew mira.

L-analiżi komparattiva tagħna tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni u l-RRF turi li għandhom similaritajiet konsiderevoli¹⁴. Fl-istess ħin, huma jvarjaw f'ħafna aspetti minħabba l-iskopijiet differenti tagħhom. Fir-rigward tal-arranġamenti ta' kontroll u ta' awditjar, aħna nosservaw li l-RRF tiffoka fuq l-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u tal-miri. Għall-fondi taħt il-politika ta' koeżjoni, l-arranġamenti ta' kontroll u ta' awditjar kemm fil-livell tal-Kummissjoni kif ukoll f'dak tal-Istati Membri, jiffokaw prinċipalment fuq ir-regolarità tan-nefqa. Għall-RRF, il-Kummissjoni trid tiżgura li l-interessi finanzjarji tal-UE jkunu protetti b'mod effettiv; biex tagħmel dan, il-Kummissjoni trid tikseb aċċertament suffiċjenti mill-Istati Membri li qegħdin jimplementaw l-RRF f'konformità mad-dritt tal-UE u ma' dak nazzjonali.

¹¹ Opinjoni 06/2020 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

¹² Ir-Rapport Speċjali 21/2022.

¹³ Rapport Annwali 2021 dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għas-sena finanzjarja 2021, il-Kapitolu 10 – Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

¹⁴ Ir-Rapport Analitiku 01/2023:Finanzjament mill-UE permezz tal-politika ta' koeżjoni u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza:Analiżi komparattiva.

Ambitu u approċċ tal-awditjar

17 L-objettiv ta' dan l-awditu kien li jivvaluta t-tfassil tas-sistema ta' kontroll tal-Kummissjoni għall-RRF. Għal dan il-għan, aħna eżaminajna s-sistema ta' kontroll tal-Kummissjoni fir-rigward tal-iżgurar li:

- il-pagamenti lill-Istati Membri jsiru wara li jkunu laħqu l-istadji importanti u/jew il-miri predefiniti; u
- li l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jkunu protetti.

18 L-ewwel eżaminajna s-sistema ta' kontroll tal-RRF tal-Kummissjoni minn perspettiva kunċettwali u aktar ġenerali. L-objettiv ta' dan ix-xogħol kien li jinstab dak li s-sistema ta' kontroll tkopri u kif din tiżgura li l-istadji importanti u l-miri jintlaħqu b'mod sodisfaċenti, u li l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jiġu protetti. F'dan l-eżaminar, aħna inkludejna l-valutazzjoni inizjali mill-Kummissjoni tas-sistemi ta' kontroll deskritti fl-RRPs tal-Istati Membri billi hija parti mill-qafas ta' kontroll. Aħna temmejna l-valutazzjoni tagħna tat-tfassil tas-sistema ta' kontroll tal-Kummissjoni b'analiżi dettaljata tal-ħidma ppjanata u tal-proċeduri ddefiniti għaż-żewġ elementi tagħha. L-objettiv ta' din l-analiżi kien li jiġu identifikati dgħufijiet potenzjali fil-proċeduri u fl-awditi li jappartjenu għas-sistema ta' kontroll tal-Kummissjoni.

19 Biex niksbu l-evidenza meħtieġa biex nappoġġaw l-osservazzjonijiet, il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħna, aħna:

- wettaqna intervisti u laqgħat ma' rappreżentanti mid-DĠ ECFIN tal-Kummissjoni u t-Task Force għall-Irkupru u r-Reżiljenza (SĠ RECOVER);
- eżaminajna l-proċeduri tal-Kummissjoni u dokumenti rilevanti oħra, b'hal ftehimiet ta' finanzjament u arranġamenti operazzjonali;
- analizzajna l-proċeduri tal-Kummissjoni għal verifiki *ex ante* u awditi *ex post*, kif ukoll l-istrateġija tal-awditjar, il-gwida għall-kampjunar, il-listi ta' kontroll u l-linji gwida interni;
- ikkonsultajna r-RAA 2021 tad-DĠ ECFIN.

20 Aħna kkomplementajna l-evidenza miksuba permezz ta' dan l-awditu b'osservazzjonijiet mill-awditu tagħna ta' dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tar-regolarità tan-nefqa tal-RRF għall-2021¹⁵. L-awditu ta' dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni kopra l-ilfuq sodisfaċenti tat-52 stadju importanti kollha li fuqhom huwa bbażat l-uniku pagament li l-Kummissjoni għamlet lil Stat Membru (Spanja) fl-2021. Aħna rrieżaminajna wkoll il-valutazzjoni preliminari tal-Kummissjoni ta' erba' miri magħżula li fuqhom huwa bbażat il-pagament li sar lil Franza f'Marzu 2022.

21 Aħna wettaqna l-awditu matul il-fażi bikrija tal-implimentazzjoni tal-RRF, meta kien sar l-ewwel pagament, iżda qabel l-iżborż ta' għadd sinifikanti ta' pagamenti. Għalhekk, l-awditu ffoka fuq it-tfassil tas-sistema ta' kontroll tal-RRF kif kien fi tmiem April 2022 u mhux fuq l-operat attwali tagħha.

22 Barra minn hekk, f'dan l-awditu aħna ma koprejnieh it-tfassil jew l-effettività tas-sistemi ta' kontroll tal-RRF tal-Istati Membri, iżda qed nippjanaw li nagħmlu dan fil-futur.

23 B'dan l-awditu u r-rakkomandazzjonijiet tagħna, għandna l-għan li nikkontribwixxu biex niżguraw li l-Kummissjoni jkollha sistema ta' kontroll adegwata fis-seħħ, kemm għall-kundizzjoni għall-pagament kif ukoll għall-protezzjoni effettiva tal-interess finanzjarju tal-Unjoni fid-dawl tal-għadd sinifikanti ta' żborżi taħt l-RRF li għad iridu jsiru matul l-operat tal-faċilità sa tmiem l-2026.

¹⁵ Il-Kapitolu 10 tar-Rapport Annwali 2021 tagħna.

Osservazzjonijiet

Hemm nuqqas fl-aċċertament u fl-obbligu ta' rendikont fil-livell tal-UE fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

24 F'din it-taqsimha tar-rapport, aħna neżaminaw is-sistema ta' kontroll tal-RRF tal-Kummissjoni minn perspettiva kunċettwali u aktar ġenerali, u jekk u kif din tikkontribwixxi biex tiżgura l-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u tal-miri, u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Għal dan l-iskop, aħna nieħdu kont ukoll tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni tas-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri kif deskritti fl-RRPs tagħhom peress li huwa l-ewwel element tal-qafas ta' kontroll tal-RRF¹⁶. L-osservazzjonijiet tagħna għandhom implikazzjonijiet għall-aċċertament u l-obbligu ta' rendikont li aħna niddekrivu fil-paragrafi hawn taħt.

Il-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-arranġamenti ta' kontroll kienet komprensiva, iżda bbażata parzjalment fuq sistemi li għadhom ma ġewx stabbiliti

25 Biex jibbenefikaw mill-appoġġ taħt l-RRF, l-Istati Membri ppreżentaw l-abbozz tal-RRPs nazzjonali tagħhom lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni vvalutat dawn il-pjanijiet fuq il-bażi ta' 11-il kriterju stipulati fir-Regolament. Wieħed minn dawn il-kriterji jipprevedi sistemi ta' kontroll u arranġamenti xierqa tal-Istati Membri li jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-korruzzjoni, il-frodi, l-irregolaritajiet, il-kunflitt ta' interess u l-finanzjament doppju.

26 Aħna ċċekkajna fir-Rapport Speċjali 21/2022 jekk il-Kummissjoni kinitx ivvalutat l-arranġamenti ta' kontroll tal-Istati Membri, b'mod partikolari ċ-ċarezza tal-istrutturi tagħhom, ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-korpi differenti tagħhom, is-sistemi u l-proċessi ppjanati u l-kapaċità meħtieġa.

¹⁶ Ir-Rapport Speċjali 21/2022.

27 Aħna kkonkludejna b'mod ġenerali li l-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza kienet xierqa, meta jitqiesu l-kumplessità tal-proċess u r-restrizzjonijiet ta' ħin. B'mod aktar speċifiku fir-rigward tas-sistemi ta' kontroll, sibna li l-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-arranġamenti ta' kontroll proposti mill-Istati Membri identifikat b'mod korrett in-nuqqasijiet u d-defiċjenzi li jirrikjedu miżuri addizzjonali. Madankollu, il-valutazzjoni kienet, sa ċertu punt, ibbażata fuq id-deskrizzjoni ta' sistemi li kienu għadhom ma humiex stabbiliti. Għalhekk, jeħtieġ li dan jiġi kkonfermat permezz ta' ħidma addizzjonali fuq il-post. Barra minn hekk, il-Kummissjoni introduċiet stadji importanti addizzjonali għal 16-il Stat Membru, fejn dawn in-nuqqasijiet jew defiċjenzi jeħtieġu miżuri addizzjonali li għandhom jiġu implimentati qabel l-ewwel pagament¹⁷. In-nuqqas ta' stabbiliment ta' sistema ta' kontroll kompletament funzjonali jimplika r-riskju li l-interessi finanzjarji tal-UE ma humiex protetti b'mod suffiċjenti sakemm dawn l-istadji importanti jintlaħqu.

Verifiki *ex ante* u awditi *ex post* jivvalutaw l-ilħuq tal-istadji importanti u tal-miri

28 Il-verifiki *ex ante* tal-Kummissjoni tat-talbiet għall-pagament tal-Istati Membri u l-awditi *ex post* relatati jiffokaw fuq il-kundizzjoni għal pagament u l-evidenza ta' lħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u tal-miri ppreżentati mill-Istati Membri. Il-verifiki u l-awditi *ex post* relatati mal-istadji importanti u l-miri ma jkoprox in-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-UE u ma' dawk nazzjonali (il-paragrafu 09).

29 Pereżempju, f'sitwazzjoni fejn proġett ta' investiment iffinanzjat mill-RRF ma jikkonformax mar-regoli tal-UE u ma' dawk nazzjonali, bħal pereżempju dawk dwar l-akkwist, l-għajnuna mill-Istat, jew ir-regoli ta' eliġibbiltà għall-kostijiet jew proġetti, dan ma jaffettwax l-eżitu tal-valutazzjoni preliminari mill-Kummissjoni dwar l-ilħuq sodisfaċenti tal-mira kkonċernata. Sakemm il-mira tkun intlaħqet f'konformità mad-deskrizzjoni fl-Anness tad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill, il-Kummissjoni għandha l-obbligu li tagħmel il-pagament lill-Istat Membru kkonċernat¹⁸.

¹⁷ Ir-RAA 2021 tad-DĠ ECFIN, l-Anness XIV.

¹⁸ L-Artikolu 24(5) tar-Regolament.

30 Barra minn hekk, aħna nosservaw li r-Regolament jipprevedi prinċipji orizzontali li għandhom jiġu rispettati¹⁹. Dawn il-prinċipji jipprovdu li l-appoġġ mill-RRF m'għandux, sakemm mhux f'każijiet debitament iġġustifikati, jissostitwixxi n-nefqa nazżjonali rikorrenti u għandu jfhares kemm il-prinċipju tal-addizzjonalità tal-finanzjament tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 9 tar-Regolament u l-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (DNSH). Billi r-Regolament ma jqisx li l-konformità ma' dawn il-prinċipji tikkostitwixxi kundizzjoni għall-pagament²⁰, il-verifiki *ex ante* tal-Kummissjoni ma jkoprox dawn il-prinċipji, sakemm il-konformità ma tkunx obbligatorja abbażi tad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill, kif jista' jkun il-każ għad-DNSH. Dan il-prinċipju ġie vverifikat meta l-Kummissjoni vvalutat l-RRPs. Fir-rigward tal-konformità mal-prinċipju DNSH, fl-awditu preċedenti tagħna osservajna li l-valutazzjoni tal-Kummissjoni kienet wasslet għar-riżultat li l-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza adottati kienu jinkludu biss miżuri li jikkonformaw mal-prinċipju DNSH, kif ġie osservat għall-miżuri fil-kampjun tagħna. Madankollu, il-miżuri biex jiġi mmitigat l-impatt ambjentali ma ġewx inklużi sistematikament fl-għamla ta' stadju importanti jew mira fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza, u miżuri mhux konformi mal-prinċipju jiġu ffinanzjati minn sorsi li jkunu barra mill-Faċilità²¹.

31 Fir-Rapport Speċjali 21/2022 aħna osservajna wkoll li l-istadji importanti u l-miri huma ġeneralment limitati għall-kejl tal-output aktar milli għall-impatt²². Għalhekk, il-valutazzjoni tal-RRP u l-pagament lill-Istati Membri huma inkondizzjonali b'mod inerenti mill-impatt tar-riformi u tal-investimenti.

¹⁹ L-Artikolu 5 tar-Regolament.

²⁰ L-Artikolu 24 tar-Regolament.

²¹ Il-paragrafi 56-61 tar-Rapport Speċjali 21/2022.

²² Il-paragrafu VIII tar-Rapport Speċjali 21/2022.

In-nuqqas ta' informazzjoni jirriżulta f'nuqqas fl-aċċertament u fl-obbligu ta' rendikont fil-livell tal-UE fil-protezzjoni tal-interess finanzjarju tal-Unjoni

32 L-Istati Membri, flimkien mal-Kummissjoni, jenħtieġ li jiżguraw li l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jkunu protetti b'mod effettiv f'konformità mar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom²³. F'dan il-kuntest l-Istati Membri "għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jiproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u biex jiżguraw li l-użu ta' fondi fir-rigward ta' miżuri appoġġati mill-Faċilità jikkonforma mad-dritt applikabbli tal-Unjoni u dak nazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u r-rettifika tal-frodi, korruzzjoni u kunflitt ta' interess"²⁴. Dan l-obbligu huwa spjegat ukoll fil-ftehimiet ta' finanzjament iffirmati mal-Istati Membri. Jekk l-Istati Membri jonqsu milli jirkupraw kwalunkwe ammont imħallas indebitament f'każijiet ta' frodi, korruzzjoni jew kunflitt ta' interess, jew ksur serju ta' obbligi taħt il-ftehim ta' finanzjament, b'hal finanzjament doppju, il-Kummissjoni tista' tirkupra l-ammont korrispondenti.

33 F'dan il-kuntest, fir-RAA 2021 tad-DĠ ECFIN, il-Kummissjoni ddefiniet ir-"responsabbiltà residwa" tagħha fil-protezzjoni tal-interess finanzjarju tal-Unjoni li jimplika li l-Istati Membri huma unikament responsabbli biex jivverifikaw li l-finanzjament tal-RRF intuża kif suppost f'konformità mar-regolamenti nazzjonali u tal-UE applikabbli kollha. Ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni hija limitata għat-tliet irregolaritajiet serji, frodi, korruzzjoni, kunflitt ta' interess u l-obbligi skont il-ftehim ta' finanzjament, b'mod notevoli l-finanzjament doppju²⁵. L-istrateġija tal-awditjar għall-RRF għalhekk tipprevedi li l-Kummissjoni mhux se twettaq awditi li jivverifikaw il-konformità mar-regoli tal-UE u ma' dawk nazzjonali²⁶. Il-fokus tal-awditi tas-sistemi tal-Kummissjoni hija fuq is-sistemi tal-Istati Membri għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u r-rettifika ta' dawn it-tliet irregolaritajiet serji u l-finanzjament doppju.

²³ <https://www.eca.europa.eu/mt/Pages/DocItem.aspx?did=63246>

²⁴ L-Artikolu 22(1) u l-premessa 54 tar-Regolament.

²⁵ Ir-RAA 2021 tad-DĠ ECFIN, p. 52.

²⁶ L-istrateġija tal-awditjar tal-Kummissjoni għall-RRF, p. 3.

34 L-esperjenza tagħna turi li n-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-UE u ma' dawk nazzjonali, bħall-akkwist, l-għajnuna mill-Istat u r-regoli ta' eliġibbiltà huwa prevalenti fi programmi oħra ta' nfiq tal-UE²⁷ u għalhekk jikkostitwixxi riskju sinifikanti. Madankollu, aħna nosservaw li l-konformità ma' tali regoli ma hijiex koperta mill-awditi tas-sistemi tal-Kummissjoni, u hemm biss ftit gwida għall-Istati Membri f'dan ir-rigward.

35 B'konsegwenza ta' dan, hemm informazzjoni vverifikata limitata fil-livell tal-UE dwar jekk u kif is-sistemi tal-Istati Membri jkopru b'mod adegwat ir-riskju sinifikanti li l-proġetti ta' investiment iffinanzjati mill-RRF ma jikkonformawx mar-regoli tal-UE u ma' dawk nazzjonali. Din taffettwa l-kompletezza tal-assigurazzjoni li l-Kummissjoni tista' tipprovdi. Ma tkoprix il-konformità tal-proġetti ta' investiment iffinanzjati mill-RRF mar-regoli tal-UE u ma' dawk nazzjonali.

36 Ir-responsabbiltà li tassumi l-Kummissjoni f'termini ta' protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni hija riflessa fid-dikjarazzjoni ta' assicurazzjoni fir-RAA 2001 tad-DĠ ECFIN. Id-dikjarazzjoni ma tmurx lil hinn mill-aspett speċifiku ddefinit fl-Artikolu 22(5) tar-Regolament. Il-Kummissjoni tipprovdi aċċertament li se tirkupra kwalunkwe ammont dovut lill-baġit tal-Unjoni f'każ ta' frodi, korruzzjoni u kunflitt ta' interess, fejn l-Istat Membru jkun naqas milli jagħmel dan jew f'każ ta' ksur serju stabbilit tal-Ftehim ta' finanzjament. Dan jirriżulta f'nuqqas fl-obbligu ta' rendikont fil-livell tal-UE.

Għall-verifika tal-ilħuq tal-istadji importanti u tal-miri, il-Kummissjoni fasslet proċess estensiv

37 Is-sistema ta' kontroll tal-Kummissjoni trid tiżgura li l-pagamenti taħt l-RRF ikunu bbażati fuq il-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u tal-miri ddefiniti minn qabel²⁸. Trid tiżgura wkoll li l-istadji importanti u l-miri li kienu ntleħqu qabel ma jittreġġgħux lura.

38 Għal dan il-għan, hija stabbiliet proċess li jipprevedi verifiki *ex ante* qabel ma jitħallas Stat Membru. Dawn huma fil-biċċa l-kbira bbażati fuq analiżi mhux fuq il-post tal-evidenza tal-Istat Membru li l-istadji importanti u l-miri ntleħqu b'mod sodisfaċenti. Il-Kummissjoni twettaq awditi *ex post* wara li Stat Membru jkun irċieva pagament.

²⁷ Il-Figura 1.8 tar-Rapport Annwali 2021 tagħna.

²⁸ L-Artikolu 24(3) tar-Regolament.

39 Aħna rrieżaminajna l-proċeduri u d-dokumentazzjoni tal-Kummissjoni sabiex nivvalutaw jekk it-tfassil tal-verifiki *ex ante* u tal-awditi *ex post* tal-Kummissjoni huwiex tali li jivvaluta b'mod korrett l-ilħuq tal-istadji importanti u tal-miri. Bħala parti mill-awditu tagħna ta' dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-RRF tal-2021, eżaminajna wkoll kif il-Kummissjoni twettaq il-verifiki *ex ante* tagħha fil-prattika, sabiex jiġu identifikati dgħufijiet potenzjali fil-proċeduri tagħha.

Il-proċess għall-verifiki *ex ante* tal-ilħuq tal-istadji importanti u tal-miri huwa estensiv, iżda għad fadal problemi

Il-verifika *ex ante* tal-ilħuq tal-istadji importanti u tal-miri tipprevedi proċess ta' valutazzjoni estensiv

40 Ir-Regolament jeħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta jekk l-istadji importanti u l-miri rilevanti stabbiliti fid-deċiżjoni ta' implimentazzjoni rilevanti tal-Kunsill intlaħqux b'mod sodisfaċenti²⁹. Il-kontrolli *ex ante* li l-Kummissjoni stabbiliet għall-pagamenti tal-RRF għandhom jippermettulha tivverifika li talba għall-pagament ta' Stat Membru tkun appoġġata minn evidenza ta' lħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u tal-miri kkonċernati u l-kontrolli għandhom ikunu ddokumentati sew.

41 Ladarba l-istadji importanti u l-miri miftiehma rilevanti jkunu ntleħqu, l-Istati Membri jippreżentaw talba għall-pagament debitament ġustifikata lill-Kummissjoni għall-valutazzjoni (il-paragrafu **10**). Il-Kummissjoni tivverifika l-evidenza ppreżentata mill-Istati Membri bħala parti mill-valutazzjoni preliminari tagħha dwar jekk l-istadji importanti u l-miri sottostanti għat-talba għall-pagament intlaħqux b'mod sodisfaċenti.

42 Il-proċess ta' valutazzjoni preliminari tal-Kummissjoni jinvolvi għadd ta' atturi. L-atturi prinċipali huma l-uffiċċji ġeografiċi tad-DĠ ECFIN u tas-SĠ RECOVER, li għandhom ir-rwol ewlieni fil-verifika u fil-valutazzjoni *ex ante* tat-talbiet għall-pagament. Mas-sottomissjoni tat-talbiet għall-pagament tal-Istati Membri, l-uffiċċji ġeografiċi jkunu responsabbli għat-twettiq ta' analiżi mhux fuq il-post u għall-valutazzjoni tal-evidenza li takkumpanja t-talba għal pagament.

²⁹ L-Artikolu 24(3) tar-Regolament.

43 Il-proċess ta' valutazzjoni preliminari jinvolvi diversi elementi:

- o L-uffiċċji ġeografiċi jinteraġixxu kontinwament mal-awtoritajiet tal-Istati Membri dwar il-progress u l-ilħuq tal-istadji importanti u l-miri sal-ħin tas-sottomissjoni tat-talbiet għall-pagament, kif ukoll wara dan.
- o Bosta mill-unitajiet orizzontali tad-DĠ ECFIN huma involuti fil-valutazzjoni, eż. l-unità legali tiegħu hija responsabbli għar-rieżami tal-valutazzjoni preliminari biex jiġi żgurat li tkun legalment soda u korretta.
- o Il-Kummissjoni l-ewwel twettaq konsultazzjonijiet tekniċi informali bejn is-servizzi u mbagħad formali mad-DĠ u s-servizzi rilevanti, li l-oġġettiv tagħhom huwa li jintuża l-għarfien espert akbar li għandhom dipartimenti oħra tal-Kummissjoni li jittrattaw direttament u kuljum mal-oqsma ta' politika rilevanti fir-rigward tal-ilħuq ta' stadju importanti jew mira speċifika.

44 Abbażi tal-proċess ta' valutazzjoni *ex ante* deskritt hawn fuq u d-diskussjonijiet tagħna mas-servizzi tal-Kummissjoni, aħna nqisu li l-Kummissjoni fasslet verifiki *ex ante* estensivi biex tivvaluta l-ilħuq tal-istadji importanti u tal-miri. Madankollu, aħna sibna xi dgħufijiet relatati maċ-ċarezza tal-proċess u mad-dokumentazzjoni tal-valutazzjoni, li aħna niddeskrivu fil-paragrafi li ġejjin.

Id-diversi stadji fil-proċess ta' valutazzjoni ma humiex speċifikati jew iddokumentati b'mod suffiċjenti

45 Ir-Regolament Finanzjarju jiddikjara li kontroll intern effettiv għandu jkun ibbażat fuq l-aħjar prattiki internazzjonali u jinkludi, b'mod partikolari, rendikonti tal-entrati adegwati³⁰. Ir-rendikont tal-entrati għandu jipprovdi fehim ċar tal-iskop, is-sors u l-konklużjonijiet li jkunu ntlejha.

46 Il-Kummissjoni għażlet li tuża kalendarju tal-proċess biex tiggwida l-proċess għal kull talba għall-pagament, li jiġbor fil-qosor il-passi li għandhom jittieħdu, l-atturi responsabbli, u l-iskeda ta' żmien li għandha tiġi segwita mit-timijiet involuti fil-valutazzjoni preliminari.

³⁰ L-Artikolu 36(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.

47 Il-valutazzjoni ta' kull stadju importanti jew mira hija ddokumentata u miġbura fil-qosor fi "skeda informattiva dwar il-valutazzjoni". Din tinkludi reġistru bl-informazzjoni miġbura u tirreġistra l-analiżi tal-Kummissjoni għall-valutazzjoni preliminari tal-istadji importanti u tal-miri.

48 Filwaqt li l-iskeda informattiva dwar il-valutazzjoni u l-kalendarju tal-proċess it-tnejn jinkludu informazzjoni rilevanti dwar il-proċess ta' valutazzjoni, l-ambitu tal-kontribut tad-diversi atturi għall-istadji differenti tal-proċess ta' valutazzjoni, li jwassal għall-valutazzjoni preliminari, mhuwiex speċifikat u ddokumentat b'mod suffiċjenti. Għalhekk, mhux dejjem jista' jipprovdi evidenza suffiċjenti li stadju importanti jew mira jkunu ġew iwwalutati u ddokumentati kif xieraq bil-livell ta' dettall meħtieġ.

Nuqqas ta' ċarezza rigward l-ambitu tal-konsultazzjoni teknika tad-DĠ u tas-servizzi rilevanti

49 Filwaqt li r-responsabbiltà għall-valutazzjoni tal-ilħuq tal-istadji importanti u tal-miri hija tas-SĠ RECOVER u tad-DĠ ECFIN, id-DĠ u s-servizzi rilevanti jistgħu jintalbu, matul il-verifiki *ex ante*, biex jipprovdu input tekniku għall-valutazzjoni.

50 Meta jintalab input tekniku mill-uffiċjali tal-politika fid-DĠ u fis-servizzi, dawn jintalbu b'mod partikolari biex jiddikjaraw jekk hemmx xi raġuni għaliex stadju importanti jew mira partikolari ma tistax tiġi vvalutata bħala li ntlejha b'mod sodisfaċenti. Fi tmiem il-proċess ta' valutazzjoni preliminari, u biex jiġi konkluż il-proċess ta' konsultazzjoni, id-DĠ u s-servizzi jingħataw opportunità ulterjuri biex jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar il-valutazzjoni ġenerali matul konsultazzjoni formali bejn is-servizzi.

51 Filwaqt li nqisu li l-konsultazzjoni mal-esperti hija element importanti tal-proċess ta' valutazzjoni, la l-ambitu tagħha u lanqas ir-rwol tad-DĠ u tas-servizzi kkonsultati matul dan il-proċess ma ġew iddefiniti b'mod ċar (il-paragrafu 47). Barra minn hekk, id-dokumentazzjoni tal-konsultazzjonijiet tekniċi mhux dejjem ipprovdiet fehim ċar tal-elementi/aspetti tal-istadju importanti jew tal-mira li dwarhom id-DĠ ikkonsultati kienu esprimew il-fehmiet tagħhom, jew ta' kif kienu waslu għal dawk il-fehmiet. Fin-nuqqas ta' rekord ċar tan-natura tal-konsultazzjoni teknika u tad-deċiżjoni ta' valutazzjoni milħuqa, dak li fil-fatt kopriet il-konsultazzjoni mhuwiex ċar. Il-**Kaxxa 2** tipprovdi eżempju mill-awditu tagħna tad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni 2021.

Kaxxa 2

Eżempju ta' input mhux ċar u dokumentazzjoni insuffiċjenti matul il-konsultazzjoni teknika tad-DĠ u tas-servizzi

Stadju importanti 330:

“L-żewġ bye-laws japplikaw għal paga ugwali bejn in-nisa u l-irġiel u għall-pjanijiet ta' ugwaljanza u r-reġistrazzjoni tagħhom. L-objettivi tar-regolamenti huma: (i) li jiżguraw il-prinċipju ta' trasparenza fil-pagi sabiex tiġi identifikata d-diskriminazzjoni minħabba valutazzjonijiet mhux korretti tax-xogħol; u (ii) li jiġu żviluppati pjanijiet ta' ugwaljanza u li tiġi żgurata r-reġistrazzjoni tagħhom f'reġistru pubbliku.”

Id-DĠ għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni (id-DĠ EMPL) ġie kkonsultat u ntalab jikkontribwixxi għall-valutazzjoni ta' dan l-istadju importanti.

Filwaqt li saru diskussjonijiet bil-fomm mas-servizzi tad-DĠ EMPL, u d-DĠ EMPL ma qajjem l-ebda oġġezzjoni matul il-konsultazzjoni formali bejn is-servizzi, aħna ma sibna l-ebda evidenza tal-ambitu preċiż tal-kontribut tad-DĠ EMPL għall-valutazzjoni. Ma huwiex ċar jekk fiż-żmien tal-konsultazzjoni teknika, is-servizzi tad-DĠ EMPL ivvalutawx l-istadju importanti bħala li ntlaħaq b'mod sodisfaċenti. Lanqas ma huwa ċar liema elementi tal-istadju importanti tqiesu minnhom, jew jekk dawn ikkonfermawx biss li ma kinux konxji ta' xi ħaġa li tqajjem dubju dwar l-ilħuq tal-istadju importanti.

L-istess japplika għal stadji importanti oħrajn (329 u 333), li ġew ivvalutati fl-istess żmien tal-istadju importanti 330³¹.

Dokumentazzjoni mhux kompluta tal-valutazzjoni

52 Il-Kummissjoni tibbaża l-valutazzjoni tagħha rigward l-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti jew tal-miri fuq l-elementi rilevanti fid-deskrizzjoni tagħhom u d-deskrizzjoni tal-miżura relatata, li t-tnejn huma stabbiliti fid-deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill relatata, u tiegħu inkunsiderazzjoni l-arranġamenti operazzjonali.

³¹ Anness tad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill.

53 Fir-Rapport Annwali 2021 tagħna, aħna sibna li d-deskrizzjoni ta' miżura fl-Anness tad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill mhux dejjem kienet allinjata mal-istadju importanti u/jew mal-mira rilevanti. Għalhekk kienet ambigwa u miftuħa għall-interpretazzjoni fir-rigward ta' elementi li kienu rilevanti għall-valutazzjoni³². Madankollu, ma sibna l-ebda ġustifikazzjoni dwar għaliex il-Kummissjoni qieset li ċerti elementi ddefiniti fid-deskrizzjoni tal-miżura kienu irrilevanti għall-valutazzjoni. Aħna sibna wkoll li l-gwida tal-Kummissjoni għall-valutazzjoni tat-twettiq sodisfaċenti tal-istadji importanti u tal-miri ma kinitx tippovdi għal tali ġustifikazzjoni, u għalhekk ma kinitx teħtieġ b'mod espliċitu d-dokumentazzjoni tagħha. In-nuqqas ta' gwida u dokumentazzjoni ċari f'sitwazzjonijiet bħal dawn għamilha diffiċli, jekk mhux saħansitra impossibbli, biex persuna terza mhux involuta fin-negozjar tal-RRP, jew li ma kellha l-ebda għarfien minn qabel tal-proċess, biex tifhem u ssegwi r-raġunament tal-Kummissjoni.

Għad ma hemm l-ebda metodu fis-seħħ għas-sospensjoni ta' pagament

54 L-ammont imħallas lil Stat Membru wara sottomissjoni ta' talba għall-pagament ma huwiex neċessarjament ibbażat fuq il-kostijiet stmati biex jintlaħqu l-istadji importanti u l-miri inklużi fit-talba għall-pagament, iżda minflok huwa riżultat tan-negozjati mal-Istat Membru inkwistjoni. Dawn in-negozjati jieħdu inkonsiderazzjoni l-proporzjon tal-istadji importanti u l-miri kif ukoll l-importanza relattiva tagħhom³³. Meta l-Kummissjoni tistabbilixxi li l-istadji importanti jew il-miri ma jkunux intlaħqu b'mod sodisfaċenti, ir-Regolament jipprevedi li "l-pagament tal-kontribuzzjoni finanzjarja kollha jew ta' parti minnha u, fejn applikabbli, tas-self għandu jiġi sospiż"³⁴. Is-sospensjonijiet ma jistgħux jitneħħew sakemm l-Istati Membri ma jipprovdux lill-Kummissjoni evidenza ta' lħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti jew tal-miri fi żmien 6 xhur, u fin-nuqqas ta' dan, il-Kummissjoni tkun meħtieġa tnaqqas proporzjonalment l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja, jew tas-self (jekk applikabbli). Aħna konna rrapportajna fir-Rapport Annwali 2021 tagħna li l-Kummissjoni ma kinitx żviluppat metodoloġija għad-determinazzjoni tal-ammont li għandu jiġi sospiż³⁵.

³² Il-paragrafi 10.24-10.26 tar-Rapport Annwali 2021 tagħna.

³³ Il-paragrafu 73 tar-Rapport Speċjali 21/2022 tagħna.

³⁴ L-Artikolu 24(6) tar-Regolament.

³⁵ Il-paragrafu 10.28 tar-Rapport Annwali 2021 tagħna.

55 Filwaqt li l-metodoloġija ma tinfluwenzax il-valutazzjoni *ex ante* tal-istadji importanti u tal-miri, in-nuqqas tagħha jfisser li element importanti tas-sistema ta' kontroll tal-RRF li jiżgura r-regolarità tal-pagamenti tal-RRF huwa nieqes. In-nuqqas ta' metodoloġija bħal din inaqqas ukoll it-trasparenza tal-arranġamenti tal-RRF *vis-à-vis* l-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħra, minħabba li l-kriterji għall-kalkolu tal-impatt finanzjarju tan-nuqqas li jintlaħqu l-istadji importanti u l-miri huma inċerti. F'dan il-kuntest nirreferu għar-rakkomandazzjoni 10.2 fir-[Rapport Annwali 2021](#) tagħna.

Awditi *ex post* jistgħu jgħinu biex jiġi żgurat li d-data ddikjarata dwar l-ilħuq tal-istadji importanti u l-miri tkun preċiża

56 Filwaqt li l-verifiki *ex ante* tal-Kummissjoni huma primarjament ibbażati fuq rieżamijiet dokumentarji, l-awditi *ex post* jippermettu lill-Kummissjoni teżamina s-sitwazzjoni fuq il-post. L-awditi *ex post* huma previsti fir-Regolament Finanzjarju³⁶ u fil-ftehimiet ta' finanzjament iffirmati mal-Istati Membri. L-objettiv tagħhom huwa li jidentifikaw u jikkoreġu kwalunkwe stadju importanti jew mira mhux milħuqa li jsiru magħrufa biss wara li jkunu saru l-pagamenti. Jenħtieġ li dawn l-awditi jkunu bbażati fuq l-informazzjoni rilevanti kollha, fuq proċeduri ċari u mfasla tajjeb u fuq valutazzjoni tar-riskju adegwata.

57 Aħna vvalutajna jekk it-tfassil tal-awditi *ex post* tal-Kummissjoni huwiex xieraq biex jintlaħaq dan l-objettiv. Ma stajniex nittestjaw l-implimentazzjoni Prattika tal-awditi *ex post* tal-Kummissjoni (il-paragrafu [21](#)).

58 Fir-rigward tal-ilħuq tal-istadji importanti u l-miri, il-Kummissjoni twettaq awditi *ex post* ibbażati fuq ir-riskju fuq stadji importanti u miri li jikkomplementaw il-verifiki *ex ante* tagħha. Barra minn hekk, il-Kummissjoni twettaq awditi tas-sistemi fuq l-istadji importanti u l-miri, li jiffukaw fuq il-għbir tad-*data* u r-rappurtar dwar l-istadji importanti u l-miri fl-Istati Membri.

59 L-awditi tas-sistemi fuq l-istadji importanti u l-miri għandhom l-għan li jivvalutaw il-ġestjoni tad-*data* u l-IT jew sistemi oħra biex jaħżnu, jiġbru, jaggregaw u jirrapportaw dwar l-istadji importanti u l-miri, kif ukoll li jivverifikaw l-affidabbiltà tad-*data* rrapportata dwar l-istadji importanti u l-miri milħuqa, inkluża l-aggregazzjoni tagħhom.

³⁶ L-Artikolu 74(6) tar-Regolament Finanzjarju.

60 L-awditi fuq l-istadji importanti u l-miri huma bbażati fuq ir-riskju u jkopru l-istadji importanti u l-miri kollha identifikati bħala “riskju għoli” fil-valutazzjoni tar-riskju tal-Kummissjoni, u, skont ir-riżorsi disponibbli, l-aktar għadd possibbli ta’ dawk ikklassifikati bħala “riskju medju”. Dan biex jikkonferma fuq il-post l-informazzjoni li l-Istati Membri rrapportaw lill-Kummissjoni fl-istadju ta’ verifika *ex ante*.

61 Il-Kummissjoni tagħżel l-awtoritajiet tal-Istati Membri, l-istadji importanti u l-miri li għandhom jiġu awditjati abbażi kemm ta’ valutazzjoni tar-riskju globali, kif ukoll ta’ valutazzjoni tar-riskju tat-talba għall-pagament. L-għażla inizjali tal-Istati Membri li għandhom jiġu awditjati hija xprunata wkoll mit-tnejn tagħhom, u mit-twaqqit tat-talbiet għall-pagament ippreżentati.

62 Il-valutazzjonijiet tar-riskju globali huma bbażati fuq għadd ta’ fatturi, li jinkludu:

- il-kumplessità tas-sistemi ta’ kontroll nazzjonali;
- l-awditi mwettqa mill-Istati Membri;
- ir-riskju li l-miżuri tal-RRP jkunu kofinanzjati minn fondi oħra tal-UE; u
- it-tip ta’ riċevituri finali.

63 L-objettiv tal-awditi fuq l-istadji importanti u l-miri huwa li jiġi pprovdut aċċertament addizzjonali *ex post* fuq l-ilħuq sodisfaċenti tagħhom, filwaqt li l-objettiv tal-awditi tas-sistemi relatati mal-istadji importanti u l-miri huwa li jiġi żgurat li s-sistemi nazzjonali għall-ġbir u l-ħżin tal-informazzjoni għar-rappurtar dwar l-istadji importanti u l-miri jkunu adegwati u affidabbli.

64 Il-“Memorandum ta’ ppjanar ta’ inkjesta” tad-DĠ ECFIN jipprovdi gwida dettaljata dwar dawn l-awditi fuq l-istadji importanti u l-miri u l-awditi tas-sistemi, kif ukoll għadd ta’ mudelli li għandhom jintużaw f’dawk l-awditi.

65 Wara r-rapport analitiku tagħna tad-dokumenti tal-ippjanar għall-awditi *ex post*, aħna nqisu li dawn huma żviluppatti tajjeb b’mod ġenerali f’termini ta’ ħidma u dokumentazzjoni ppjanati, iżda l-implimentazzjoni effettiva tagħhom tista’ tiġi vvalutata biss fi stadju aktar tard. L-ippjanar inizjali tax-xogħol tal-awditjar għall-2022 u l-2023 jindika wkoll kopertura estensiva. Ġew ippjanati awditi f’20 Stat Membru, b’20 awditu li jkopru l-ġestjoni tad-*data* u s-sistemi tal-IT u seba’ awditi biex tiġi vverifikata l-affidabbiltà tad-*data* rrapportata.

Nuqqas ta' gwida jżid ir-riskju li ma jgħix identifikat it-treġġiġh lura ta' miżuri għal stadji importanti u miri preċedentement milħuqa

66 Biex stadju importanti jew mira li tkun intlaħqet u li jkun sar il-pagament għaliha tkun sinifikanti u effettiva, din ma għandhiex titreġġa' lura fi stadju aktar tard. Ir-Regolament jieħu kont ta' dan ir-riskju u jipprovdi li "t-tweqqiq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri għandu jippresupponi li l-miżuri relatati ma' stadji importanti u miri milħuqa preċedentement b'mod sodisfaċenti ma jkunux treġġiġh lura mill-Istat Membru kkonċernat"³⁷. Skont il-ftehimiet ta' finanzjament, jenħtieġ li t-talba ta' Stat Membru għall-pagament tikkonferma li dan huwa tassew il-każ.

67 Id-dikjarazzjoni ta' konferma tal-Istati Membri hija komponent ewlieni ta' kontroll għat-treġġiġh lura ta' miżuri relatati ma' stadji importanti jew miri li jkunu ntlaħqu preċedentement. Barra minn hekk, skont il-Kummissjoni, minħabba li l-uffiċċji ġeografiċi kontinwament jimmonitorjaw u jkollhom diskussjonijiet mal-awtoritajiet tal-Istati Membri, huma jistgħu wkoll jidentifikaw stadji importanti u miri li jkunu treġġiġh lura.

68 It-treġġiġh lura jista' jseħħ biss ladarba stadju importanti jew mira tiġi vvalutata bħala li tkun intlaħqet b'mod sodisfaċenti u b'hekk ma tkunx tista' tiġi vverifikata bi proċeduri *ex ante*. Għalhekk, ix-xogħol ta' rieżami fuq it-treġġiġh lura ta' miżuri relatati ma' stadji importanti li jkunu ntlaħqu preċedentement jrid jitwettaq *ex post*.

69 Sal-lum, il-Kummissjoni ma żviluppat l-ebda gwida dwar in-natura eżatta ta' treġġiġh lura ta' miżura relatata ma' stadju importanti jew mira preċedentement milħuqa, iċ-ċirkostanzi li fihom tali treġġiġh lura jitqies li seħħ jew kif is-servizzi tal-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw dan. In-nuqqas ta' tali gwida jżid ir-riskju li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jistgħu ma jidentifikawx b'mod xieraq u konsistenti l-istadji importanti u l-miri kollha li jkunu treġġiġh lura.

70 Il-Kummissjoni lanqas ma għadha pprovdiet gwida dwar l-impatt tat-treġġiġh lura ta' miżura relatata ma' stadju importanti jew mira preċedentement milħuqa fuq talba għall-pagament li saret fil-passat jew waħda kurrenti.

³⁷ L-Artikolu 24(3) tar-Regolament.

Il-kontrolli tal-Kummissjoni jistgħu jappoġġaw il-valutazzjoni tagħha tas-sistemi tal-Istati Membri, iżda l-proċeduri għar-rappurtar dwar il-frodi u l-korrezzjoni tad-dgħufijiet għandhom limitazzjonijiet

L-awditi ppjanati tal-Kummissjoni jistgħu jippermettu l-valutazzjoni tas-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri relatati mal-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitt ta' interess u l-finanzjament doppju

71 Il-protezzjoni tal-interess finanzjarju tal-Unjoni tfisser li l-implimentazzjoni tal-RRF trid tikkonforma mad-dritt applikabbli tal-Unjoni u dak nazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u r-rettifika tal-frodi, tal-korruzzjoni u tal-kunflitt ta' interess. Dan japplika wkoll għar-riskju ta' finanzjament doppju.

72 Il-Kummissjoni tirreferi għar-rwol tagħha fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE bħala dak li jkollha r-responsabbiltà residwa, li tillimita ruħha li tiżgura li l-Istati Membri jkollhom sistemi adegwati fis-seħħ, u li tintervjeni fejn l-Istati Membri jonqsu milli jissodisfaw l-obbligi ta' kontroll tagħhom fir-rigward tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-frodi, tal-korruzzjoni, u tal-kunflitt ta' interess, kif ukoll tal-finanzjament doppju (il-paragrafu [33](#)).

73 L-awditi li l-Kummissjoni ppjanat, jirriflettu din il-limitazzjoni u se jiffokaw fuq is-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u r-rettifika tal-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitt ta' interess u l-finanzjament doppju. Jenħtieġ li dawn l-awditi jkunu bbażati fuq l-informazzjoni rilevanti kollha, fuq proċeduri ċari u mfassla tajjeb u fuq valutazzjoni tar-riskju adegwata. Aħna rrieżaminajna l-proċedura u d-dokumenti tal-ippjanar tal-Kummissjoni għal dawn l-awditi.

74 Il-Kummissjoni ddefiniet ix-xogħol tal-awditjar tagħha relatat mal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni fl-istrateġija tal-awditjar tagħha.

75 L-istrateġija tal-awditjar għall-RRF tipprevedi li l-Kummissjoni għandha twettaq mill-inqas awditu wieħed separat ta' sistema għal kull Stat Membru matul l-implimentazzjoni tal-RRF. L-objettiv ta' dawn l-awditi huwa li jipprovdu lill-Kummissjoni b'assigurazzjoni li s-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri jistgħu jipprevjenu, jidentifikaw u jirrettifikaw każijiet ta' frodi, korruzzjoni, kunflitt ta' interess, u finanzjament doppju. Skont l-ippjanar inizjali tax-xogħol tal-awditjar għall-2022 u l-2023, ġew ippjanati 21 awditu dwar il-protezzjoni tal-interess finanzjarju tal-UE.

76 Permezz tal-awditi tas-sistemi li jittrattaw il-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitti ta' interess, u l-finanzjament doppju l-Kummissjoni jaf tkun tista' tivvaluta s-sistemi li għandhom fis-seħħ għal dan il-għan l-Istati Membri, iżda l-effettività ta' dawn l-awditi tista' tiġi vvalutata biss fi stadju ulterjuri. Barra minn hekk, aħna sibna limitazzjonijiet li jaffettwaw l-elementi individwali tas-sistema ta' kontroll tal-Kummissjoni li dwarhom nirrapportaw fil-paragrafi li ġejjin.

Informazzjoni limitata dwar l-awditi tal-Istati Membri tista' taffettwa l-valur miżjud tad-dikjarazzjonijiet u s-sommarji ta' ġestjoni tagħhom

77 Talba għall-pagament ta' Stat Membru trid tkun akkumpanjata minn dikjarazzjoni ta' ġestjoni li tkun appoġġata minn sommarju tal-awditi mwettqa fil-livell nazzjonali (il-paragrafu 10), li d-DĠ ECFIN jirrieżamina biex jidentifika informazzjoni li tista' tkun rilevanti għall-verifika *ex ante* tal-ilfuq tal-istadji importanti u tal-miri jew għall-awditi tiegħu. Id-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni tal-Istati Membri huma meħtieġa biex jipprovdu assigurazzjoni li l-fondi jkunu ġew ġestiti f'konformità mar-regoli applikabbli kollha tal-UE u dawk nazzjonali, b'mod partikolari dawk dwar l-evitar ta' kunflitti ta' interess, il-prevenzjoni tal-frodi, u l-korruzzjoni. L-Istati Membri jeħtieġ ukoll li jikkonfermaw li l-irregolaritajiet identifikati matul l-awditi tagħhom ikunu ġew ikkoreġuti kif xieraq, u l-fondi jkunu ġew irkuprati kif xieraq mir-riċevituri finali. Il-Kummissjoni tirrieżamina dawn id-dokumenti biex tivverifika jekk ġewx identifikati xi dgħufijiet fis-sistemi jew każijiet individwali ta' frodi, korruzzjoni jew kunflitt ta' interess, u jekk itteħditx azzjoni korrettiva biex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Fil-każ tal-ewwel talbiet għall-pagament, tivverifika wkoll jekk l-istadji importanti tal-kontroll u tal-awditjar miżjuda matul il-valutazzjoni tal-RRP intlaħqux.

78 Il-valur miżjud tad-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni u s-sommarji tal-awditi jiddependi fuq l-ambitu u l-kwalità tax-xogħol tal-awditjar tal-awtoritajiet nazzjonali. Il-Kummissjoni ħarġet "Guidance to Member States for the preparation of the summary of audits under the Recovery and Resilience Facility", li tiddefinixxi t-tip ta' informazzjoni li s-sommarji huma mistennija li jinkludu, u tispjega t-tipi ta' awditi li l-awtoritajiet tal-Istati Membri huma mistennija jwettqu. Aħna nosservaw li ma hemm l-ebda gwida preċiża dwar il-kopertura u t-tfassil ta' tali awditi, peress li r-Regolament ma jipprovdi l-ebda bażi legali f'dan ir-rigward.

79 Fir-rigward tal-erba' talbiet għall-pagament riċevuti fl-2021, il-Kummissjoni osservat li minħabba l-perjodu qasir ta' żmien bejn l-approvazzjoni tal-pjanijiet u s-sottomissjoni ta' dawn it-talbiet għall-pagament, l-ambitu tax-xogħol tal-awditjar imwettaq mill-awtoritajiet nazzjonali kien ġeneralment limitat³⁸. L-informazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kwalità tax-xogħol tal-awditjar li tappoġġa s-sommarju tal-awditi u liema elementi tal-RRF se jiffukaw fuqhom l-awditi tal-Istati Membri matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-RRF hija bbażata fuq skambji mal-awtoritajiet tal-awditjar nazzjonali u l-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-istrateġiji tal-awditjar nazzjonali. Il-Kummissjoni infurmatna li kienet qed tippjana li tiegħu l-aċċertament mir-riżultati nazzjonali tal-awditjar biss jekk l-affidabbiltà tagħhom kienet ġiet ikkonfermata mix-xogħol tal-awditjar tal-Kummissjoni.

Ir-rappurtar dwar il-frodi u l-linji gwida dwar il-korrezzjoni ta' dgħufijiet fis-sistemi tal-Istati Membri mhumiex żviluppatti bis-sħiħ

Ir-rappurtar dwar il-frodi ma għandux approċċ ċentralizzati u standardizzati

80 Fir-rigward tal-fondi ta' Koeżjoni, l-awtoritajiet tal-Istati Membri huma obbligati jirrapportaw kwalunkwe irregolarità frawdolenti u mhux frawdolenti identifikata fis-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet (IMS) lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tuża din l-informazzjoni tal-IMS bħala wieħed mill-elementi biex tinforma l-valutazzjoni tar-riskju ta' frodi u l-istrateġija kontra l-frodi tagħha, li huma elementi importanti fl-immirar tal-awditi u l-kontrolli tagħha. B'kuntrast mal-obbligu tal-Istati Membri li jirrapportaw dwar l-implimentazzjoni tal-"Koeżjoni", l-obbligu li jiġu rrapportati irregolaritajiet frawdolenti u rregolaritajiet mhux frawdolenti li jkunu ġew identifikati fl-implimentazzjoni tal-RRF, lill-Kummissjoni, jipprevedi r-rappurtar fid-dikjarazzjoni tal-ġestjoni, iżda ma jeħtieġx l-użu ta' sistema tal-IT integrata.

³⁸ Ir-RAA 2021 tad-DĠ ECFIN, p. 60

81 L-Istati Membri huma meħtieġa jirrapportaw fid-dikjarazzjoni ta' ġestjoni kwalunkwe każ ta' frodi, korruzzjoni u kunflitt ta' interess identifikat (u l-azzjoni ta' rimedju meħuda). B'kuntrast mas-sistema tal-IMS, ma huwiex ċar f'liema punt jenħtieġ li tiġi rrapportata l-identifikazzjoni ta' każ ta' frodi, jekk hemmx limitu ta' rappurtar, u liema informazzjoni standard għandha tiġi rrapportata għal kull każ u dwar il-miżuri ta' rimedju meħuda. In-nuqqas ta' informazzjoni ċentralizzata u standardizzata fil-livell tal-Kummissjoni dwar każijiet suspettati ta' frodi, kunflitti ta' interess u korruzzjoni identifikati mill-awtoritajiet tal-Istati Membri jagħmilha diffiċli li titwettaq valutazzjoni xierqa tar-riskju ta' frodi, li huwa kruċjali biex jiġu mmirati b'mod effettiv l-awditi *ex post* dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

82 Flimkien mal-Istati Membri, il-Kummissjoni hija obbligata tirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar miżuri meħuda biex jiġu miġġielda l-frodi u attivitajiet illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE (ir-rapport PIF). Element ewlieni ta' dan ir-rapport huwa l-informazzjoni u d-*data* annwali dwar il-frodi u l-irregolaritajiet li jaffettwaw l-infiq tal-UE. Fin-nuqqas ta' informazzjoni ċentralizzata u standardizzata fil-livell tal-Kummissjoni dwar il-frodi u attivitajiet illegali oħra li jaffettwaw il-pagamenti tal-RRF, hemm riskju li r-rapport annwali PIF tal-Kummissjoni se jipprovdi stampa mhux kompluta.

Il-kontropartijiet mhux affidabbli attwalment la jiġu rrapportati u lanqas esklużi

83 Attwalment l-Istati Membri mhumiex obbligati jużaw is-Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni (IDES) tal-Kummissjoni għal miżuri taħt l-RRF. Dan ifisser li waħda mill-għodod disponibbli għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni mhijiex applikabbli għall-RRF.

84 Fl-opinjoni tagħna dwar ir-riformulazzjoni proposta tar-Regolament Finanzjarju, aħna nilqgħu għalhekk il-proposta tal-Kummissjoni biex jiġi żgurat li japplikaw arranġamenti adegwati ta' esklużjoni għal programmi ta' nfiq taħt ġestjoni diretta, bħall-RRF, fejn l-Istati Membri huma l-benefiċjarji³⁹. Iċ-ċavetta għall-operazzjoni effettiva tal-EDES se tkun id-disponibbiltà u l-affidabbiltà tal-informazzjoni dwar kontropartijiet potenzjalment mhux affidabbli.

³⁹ Opinjoni 06/2022 (skont l-Artikolu 322(1), TFUE) dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni).

Ma tfasslet l-ebda gwida interna rigward il-korrezzjonijiet

85 Ir-Regolament jagħti lill-Kummissjoni d-dritt li tintervjeni fejn issib li sistema ta' Stat Membru ma tipproteġix b'mod adegwat l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Dan jipprevedi "li tnaqqas b'mod proporzjonat l-appoġġ fl-ambitu tal-Faċilità u li tirkupra kwalunkwe ammont dovut lill-baġit tal-Unjoni jew li titlob ripagament bikri tas-self, f'każijiet ta' frodi, korruzzjoni, u kunflitti ta' interess li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni li ma jkunux ġew irretifikati mill-Istat Membru, jew ksur serju ta' obbligu li jirriżulta minn tali ftehimiet"⁴⁰.

86 L-istess artikolu jipprevedi wkoll li "Meta tkun qed tiddeċiedi dwar l-ammont tal-irkupru u t-tnaqqis, jew dwar l-ammont li għandu jitħallas lura kmieni, il-Kummissjoni għandha tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità u għandha tqis is-serjetà tal-frodi, tal-korruzzjoni u tal-kunflitt ta' interess li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, jew tal-ksur ta' obbligu".

87 Filwaqt li hemm dispożizzjonijiet ġenerali għall-korrezzjonijiet b'rata fissa fil-ftehimiet ta' finanzjament, il-Kummissjoni għadha ma żviluppatx gwida interna dwar l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati fissi. Bħala eżempju, aħna nirreferu għal-"[Linji Gwida dwar il-kalkolu tal-korrezzjonijiet finanzjarji fil-qafas tal-proċeduri tal-approvazzjoni tal-konformità u finanzjarja tal-kontijiet](#)".

88 In-nuqqas ta' gwida interna dwar l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati fissi jnaqqas it-trasparenza u ma jiżgurax il-konsistenza tal-arranġamenti tal-RRF *vis-à-vis* l-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħra⁴¹.

⁴⁰ L-Artikolu 22(5) tar-Regolament.

⁴¹ <https://www.eca.europa.eu/mt/Pages/DocItem.aspx?did=63246>

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

89 L-RRF huwa mudell ġdid tal-implimentazzjoni fejn il-pagament tal-Kummissjoni lill-Istat Membru huwa bbażat fuq l-ilħuq tal-istadji importanti u tal-miri. Aħna nikkonkludu li, fi żmien relattivament qasir, il-Kummissjoni fasslet sistema ta' kontroll li tinkludi sett ta' verifiki *ex ante* estensivi u li tikkomplementa l-awditi fuq il-post biex tivvaluta jekk l-istadji importanti u l-miri intlaħqux b'mod sodisfaċenti. Madankollu, dik is-sistema ta' kontroll tipprovdi informazzjoni vverifikata limitata fil-livell tal-UE li l-proġetti ta' investiment iffinanzjati mill-RRF jikkonformaw mar-regoli tal-UE u ma' dawk nazzjonali. In-nuqqas ta' tali informazzjoni jħalli impatt fuq l-aċċertament li l-Kummissjoni tista' tipprovdi dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u jirriżulta f'nuqqas fl-obbligu ta' rendikont fil-livell tal-UE.

90 Aħna sibna li l-verifiki *ex ante* li twettaq il-Kummissjoni biex tivvaluta jekk intlaħqux l-istadji importanti u l-miri huma estensivi. Kif inhuwa rrapportat fil-Kapitolu 10 tar-[Rapport Annwali 2021](#), aħna identifikajna limitazzjonijiet fid-dokumentazzjoni tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni u li għad ma hemmx disponibbli metodu għas-sospensjoni jew it-tnaqqis (parzjali) tal-pagament, li dwaru għamilna r-Rakkomandazzjonijiet 10.1 u 10.2 relatati. Osservajna wkoll li d-definizzjoni u d-dokumentazzjoni tal-ambitu u tal-oġettivi tal-istadji differenti tal-valutazzjoni preliminari jistgħu jkunu aħjar, b'mod partikolari fir-rigward tal-konsultazzjoni teknika ma' DG u servizzi oħra (il-paragrafi [40](#) sa [55](#)).

Rakkomandazzjoni 1 – Titjib tal-proċeduri għal verifiki *ex ante*

Filwaqt li tibni fuq l-esperjenza li kisbet sa issa, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżviluppa aktar il-proċeduri, li jiżguraw dokumentazzjoni adegwata tal-valutazzjoni tagħha u jiċċaraw ir-rwol u l-ambitu tal-konsultazzjoni teknika ma' DG u servizzi oħra.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2023

91 Il-Kummissjoni ppjanat awditi *ex post* estensivi tal-ilħuq tal-istadji importanti u tal-miri. L-ippjanar tax-xogħol tal-awditjar għall-2022 jindika wkoll kopertura estensiva tal-Istati Membri. Madankollu, l-adegwatezza tal-awditi *ex post* ippjanati tista' tiġi vvalutata biss fil-futur (il-paragrafi [56](#) sa [65](#)).

92 L-implimentazzjoni b'suċċess tal-RRF hija kontinġenti fuq li jintlaħqu l-istadji importanti jew il-miri, u li sussegwentement ma jitreggġhux lura. Aħna nosservaw li fil-preżent ma hemm l-ebda gwida li tiżgura fehim konsistenti dwar x'jikkostitwixxi treggġiġh lura ta' miżura relatata ma' stadju importanti jew mira preċedentement milħuqa, kif jiġi mmitigat ir-riskju ta' tali treggġiġh lura, u kif dan ikollu impatt fuq il-pagamenti tal-passat u dawk attwali (il-paragrafi 66 sa 70).

Rakkomandazzjoni 2 – Tfassil ta' gwida dwar it-treggġiġh lura ta' miżura relatata ma' stadju importanti jew mira preċedentement milħuqa

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżviluppa gwida u proċeduri li jindirizzaw it-treggġiġh lura ta' miżura relatata ma' stadju importanti u mira preċedentement milħuqa biex tiżgura interpretazzjoni u implimentazzjoni konsistenti tagħha.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2023

93 Il-Kummissjoni żviluppat dokumenti ta' ppjanar għall-awditi tas-sistemi li permezz tagħhom għandha l-għan li tkopri kull sistema ta' kontroll tal-Istati Membri biex tiproteġi l-interess finanzjarju tal-Unjoni (il-paragrafi 71 sa 76). Madankollu, aħna nosservaw li dawn l-awditi se jkopru biss is-sistemi tal-Istati Membri relatati mal-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitt ta' interess u l-finanzjament doppju. B'konsegwenza ta' dan, hemm informazzjoni vverifikata limitata fil-livell tal-UE dwar il-konformità tal-proġetti ta' investiment ifffinanzjati mill-RRF mar-regoli tal-UE u ma' dawk nazzjonali. In-nuqqas ta' tali informazzjoni jħalli impatt fuq l-assigurazzjoni li l-Kummissjoni tista' tipprovdi fil-livell tal-UE. Ir-responsabbiltà li tassumi l-Kummissjoni f'termini tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni hija riflessa fid-dikjarazzjoni ta' assicurazzjoni fir-Rapport Annwali tal-Attività tad-DĠ ECFIN. Hija ma tmurx lil hinn mill-iżgurar li l-Kummissjoni tirkupra kwalunkwe ammont dovut f'każ ta' frodi, korruzzjoni u kunflitt ta' interess, fejn l-Istat Membru jkun naqas milli jagħmel hekk jew fil-każ ta' ksur serju stabbilit tal-ftehim ta' finanzjament (il-paragrafi 28 sa 36).

Rakkomandazzjoni 3 – Indirizzar tan-nuqqas fl-aċċertament fil-livell tal-UE dwar il-konformità mar-regoli tal-UE u ma' dawk nazzjonali

Jenħtiegħ li l-Kummissjoni tidentifika l-miżuri meħtieġa biex tindirizza n-nuqqas fl-aċċertament fil-livell tal-UE fir-rigward tal-konformità tal-proġetti ta' investiment iffinanzjati mill-RRF mar-regoli tal-UE u ma' dawk nazzjonali.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2023

94 Aħna nqisu li l-valur reali tad-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni u s-sommarji tal-awditi tal-Istati Membri se jiddependi l-aktar fuq l-ambitu u l-kwalità ta' dawn l-awditi u nosservaw li ma hemm l-ebda gwida preċiża dwar il-kopertura u t-tfassil ta' tali awditi. L-ambitu tax-xogħol tal-awditjar imwettaq mill-awtoritajiet nazzjonali fl-ewwel sena kien, b'mod ġenerali, limitat. L-informazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kwalità tax-xogħol tal-awditjar hija bbażata fuq skambji ma' awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar u fuq il-valutazzjonijiet tagħhom tal-istrateġiji nazzjonali tal-awditjar tagħhom (il-paragrafi 77 sa 79).

95 Fir-rigward tar-rappurtar dwar il-frodi relatata mal-RRF (il-paragrafi 80 sa 84), aħna osservajna dan li ġej:

- In-nuqqas ta' informazzjoni ċentralizzata u standardizzata dwar il-frodi rreġistrata fis-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet ifisser li d-*data* disponibbli biex tappoġġa l-awditi tas-sistemi tal-ippjanar u tal-immirar ma hijiex kompluta.
- Attwalment, kontropartijiet mhux affidabbli (riċevituri finali) la huma rrapportati fis-Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni, u lanqas ma huma esklużi milli jirċievu finanzjament mill-UE. Madankollu, l-emendi proposti għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju (riformulazzjoni) jipprevedu dan.

Rakkomandazzjoni 4 – Allinjament tar-rappurtar dwar il-frodi relatata mal-RRF

Jenħtiegħ li l-Kummissjoni tallinja r-rappurtar dwar il-frodi relatat mal-RRF u tirreġistra każijiet ta' frodi u attivitajiet illegali oħra relatati mal-RRF fis-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2023

96 Il-ftehimiet ta' finanzjament iffirmati mal-Istati Membri jipprevedu livelli differenti ta' korrezzjonijiet b' rata fissa f'każ li l-Kummissjoni ssib deficienza fis-sistema ta' kontroll ta' Stat Membru li tikkostitwixxi ksur serju tal-obbligu tiegħu li jipproteġi l-interess finanzjarju tal-Unjoni kif stabbilit fil-ftehim ta' finanzjament. Madankollu, id-definizzjonijiet attwali tal-livelli differenti ma jappoġġawx b' mod suffiċjenti applikazzjoni konsistenti ta' dawn ir-rati fissi (il-paragrafi **85** sa **88**).

Rakkomandazzjoni 5 – Żvilupp ta' gwida interna dwar il-korrezzjonijiet

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżviluppa gwida interna dwar l-applikazzjoni tal-korrezzjonijiet b' rata fissa stabbiliti fil-ftehimiet ta' finanzjament fir-rigward ta' dgħufijiet fis-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2023

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla V, immexxija mis-Sur Jan Gregor, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-15 ta' Frar 2023.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Tony Murphy
Il-President

Abbrevjazzjonijiet

DĠ ECFIN: Id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

DĠ EMPL: Id-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni

DĠ: Direttorat Ġenerali

DNSH: “la tagħmilx ħsara sinifikanti”

EDES: Sistema ta’ Identifikazzjoni Bikrija u ta’ Esklużjoni

IMS: Sistema ta’ Ġestjoni tal-Irregolaritajiet

KEF: Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju

NGEU: NextGenerationEU

PIF: Protezzjoni tal-interessi finanzjarji

RRF: Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

RRP: Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza

SĠ RECOVER: Task Force għall-Irkupru u r-Reżiljenza fi ħdan is-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni

Glossarju

EDES: Is-sistema stabbilita mill-Kummissjoni biex issaħħaħ il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u biex tiżgura ġestjoni finanzjarja tajba. L-għan tal-EDES huwa l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni kontra persuni u entitajiet mhux affidabbli li japplikaw għall-fondi tal-UE jew li jkunu kkonkludew impenji legali mal-Kummissjoni jew ma' istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji jew aġenziji oħra tal-Unjoni.

Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza: Il-mekkaniżmu ta' appoġġ finanzjarju tal-UE biex jiġi mmitigat l-impatt ekonomiku u soċjali tal-pandemija tal-COVID-19 u tat-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali.

Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju: Kumitat tal-Unjoni Ewropea stabbilit biex jippromwovi l-koordinazzjoni tal-politika fost l-Istati Membri.

NextGenerationEU: Pakkett ta' finanzjament biex jgħin lill-Istati Membri tal-UE jirkupraw mill-impatt ekonomiku u soċjali tal-pandemija tal-COVID-19.

Pjan għall-irkupru u r-reżiljenza: Dokument li jistipula r-riformi u l-investimenti intenzjonati tal-Istat Membru taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

Sistema ta' ġestjoni tal-irregolaritajiet: Applikazzjoni li l-Istati Membri jużaw biex jirrapportaw l-irregolaritajiet, inkluża l-frodi suspettata, lill-OLAF.

Risposti tal-Kummissjoni

<https://www.eca.europa.eu/mt/Pages/DocItem.aspx?did=63634>

Kronoloġija

<https://www.eca.europa.eu/mt/Pages/DocItem.aspx?did=63634>

Tim tal-awditjar

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditi li twettaq ta' politiki u programmi tal-UE, jew ta' suġġetti relatati mal-ġestjoni minn oqsma baġitarji speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex timmassimizza l-impatt tagħhom billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi futuri u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni twettaq mill-Awla V tal-Awditjar Finanzjament u amministrazzjoni tal-UE, li hija mmexxija minn Jan Gregor, Membru tal-QEA. L-awditu tmexxa minn Tony Murphy, Membru tal-QEA, li ngħata appoġġ minn Wolfgang Stolz, Kap tal-Kabinett, Brian Murphy u Peter Borsos, Attachés tal-Kabinett; Judit Oroszki, Maniġer Prinċipali; Gediminas Macys, Kap tal-Kompitu; Kristina Kosor u Raymond Larkin, Awdituri. Valérie Tempez iprovdiet l-assistenza segretarjali.



Mix-xellug għal-lemin: Peter Borsos, Judit Oroszki, Kristina Kosor, Tony Murphy, Brian Murphy, Gediminas Macys, Wolfgang Stolz, Raymond Larkin, Valérie Tempez.

DRITT TAL-AWTUR

© L-Unjoni Ewropea, 2023

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija stabbilita fid-[Deċiżjoni Nru 6-2019 tal-QEA](#) dwar il-politika tad-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA li jkun proprjetà tal-UE huwa liċenzjat taħt il-[liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International \(CC BY 4.0\)](#). Għalhekk, bħala regola ġenerali, l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat dment li jingħata kreditu xieraq u li kwalunkwe bidla tiġi indikata. Dawk li jużaw mill-ġdid il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA ma jistgħux ibiddlu s-sinifikat jew il-messaggġ oriġinali. Il-QEA ma għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Irid jinkiseb permess addizzjonali jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, eż. f'ritratti li jkun fihom il-membri tal-persunal tal-QEA, jew jekk ikun jinkludi xogħlijiet ta' parti terza.

Fejn ikun inkiseb tali permess, dan għandu jikkanċella u jissostitwixxi l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Biex tuża jew tirriproduċi kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, jista' jkun meħtieġ li titlob il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur:

Figuri 2 – Ikoni: il-figuri tfasslu bl-użu ta' riżorsi minn [Flaticon.com](#). © Freepik Company S.L. Id-drittijiet kollha huma riżervati.

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinjati rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid.

Il-familja ta' siti web istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fi ħdan id-dominju europa.eu, tipprovdi links għal siti ta' partijiet terzi. Peress li l-QEA ma għandha l-ebda kontroll fuq dawn, inti m'ħeġġeġ tirrieżamina l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

Użu tal-logo tal-QEA

Ma jistax isir użu mil-logo tal-QEA mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.

PDF	ISBN 978-92-847-9627-4	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/5644	QJ-AB-23-008-MT-N
HTML	ISBN 978-92-847-9586-4	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/750007	QJ-AB-23-008-MT-Q

Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) għandha finanzjament ta' EUR 723.8 biljun (fi preżżijiet attwali) u tirrappreżenta l-istrument prinċipali ta' finanzjament tal-UE għall-mitigazzjoni tal-impatt ekonomiku u soċjali tal-pandemija tal-COVID-19. Aħna eżaminajna t-tfassil tas-sistema ta' kontroll tal-Kummissjoni għall-RRF biex nivvalutaw kif tikkontribwixxi biex tiżgura li l-istadji importanti u l-miri jintlaħqu b'mod sodisfaċenti u li jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Sibna li, fi żmien relattivament qasir, il-Kummissjoni fasslet sistema ta' kontroll li tipprovdi għal proċess estensiv għall-verifika tal-ilħuq tal-istadji importanti u tal-miri. Madankollu, għad hemm nuqqas fl-aċċertament u fl-obbligu ta' rendikont fil-livell tal-UE fil-protezzjoni tal-interess finanzjarju tal-Unjoni. Nirrakkomandaw li l-Kummissjoni tidentifika l-miżuri biex tindirizza dan in-nuqqas fl-aċċertament, kif ukoll tfassal gwida dwar il-korrezzjonijiet u għat-treġġiġh lura ta' miżura relatata ma' stadju importanti jew mira li ntlaħqu preċedement.

Rapport speċjali tal-QEA skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE.



QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx
Sit web: eca.europa.eu
Twitter: @EUAuditors